MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1658/2002

***Carmel sive Charles Bianco f'ismu u ghad-ditta C. Bianco Auto Dealer***

***vs***

***Frangiska Falzon***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Lulju, 2002, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur proprio et nomine s-somma ta' seba mija u tmienja u tmenin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm788.48c) rappresentanti erbatax-il kambjala (14) ta' sitta u hamsin lira u tnejn u tletin centezmu (Lm56.32c) il-wahda, li mmaturaw fit-30 ta' kull
xahar bejn Dicembru 2000 u Jannar 2002, liema kambjali jinsabu esibiti fl-atti processwali u mmarkati bhala Dokument FF1 sa FF14.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju pprezentat kontra l-konvenuta u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-maturita tal-kambjalijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-P.L. Emanuel Bianco ghan-nom ta' l-attur proprio et. nomine, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur proprio et. nomine s-somma ta' seba mija u tmienja u tmenin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm788.48c), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju pprezentat kontra l-konvenuta ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**